MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1/2006

RC

vs

GG

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw iż-żwieġ tagħhom fid-disgħa (9) ta’ Awissu elfejn u wieħed (2001) u minn dan iż-żwieġ m’għandhomx ulied (Dok. A);

2. Illi l-kunsens tal-konvenut għal dak iż-żwieġ kien vizzjat

(ii) b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, kif ukoll peress li

(ii) il-konvenut Gordon Gatt eskluda element essenzjali taż-
Żwieġ, u dan kif se jiġi spjegat dettaljatament fil-mori tal-kawża.

3. Peress illi minħabba f'hekk il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet tkissret irrimedjabilment u wasslet sabiex il-partijiet resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni personali li sar bejniethom fit-tmienja (8) ta' Ottubru elfejn u erbgħa (2004) fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro (Dok. B).

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara ż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fid-disgħa (9) ta' Awissu elfejn u wieħed (2001) huwa null u mingħajr ebda effett legali peress li kunsens tal-konvenut għal dak iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet ta' l-attriċi kif kontenuti fiċ-ċitazzjoni huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress li m'huwiex minnu illi ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null għar-raġunijiet allegati mill-attriċi sakemm dawna jitfgħu xi tort fuq il-konvenut għalkemm m'hux eskluż li ż-żwieġ jista' jkun null minħabba raġunijiet u difetti attribwibbli unikament lill-attriċi.

2. salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti l-oħra kollha, inklużi l-affidavits u dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Ġunju 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ tagħha mal-konvenut għax allegatament:

(i) il-kunsens tal-konvenut għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u/jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għalieh li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ; u

(ii) il-konvenut eskluda element essenzjali taż-żwieġ.

Huwa ferm dubbjuż kemm l-ewwel u t-tielet raġuni ndikati mill-attriċi għaliex dan iż-żwieġ jista' jiġi dikjarat null, jistgħu jeżistu flimkien. Dan għaliex ma jistax ikun li xi ħadd jidħol għaż-żwieġ mingħajr ma jkun jaf x'ifisser żwieġ jew x'inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet f'dak iż-żwieġ, u fl-istess ħin joħloq simulazzjoni biex jeskludi xi wieħed jew aktar mid-dmirijiet tal-ħajja miżżewġa.

Madankollu l-prova ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija mill-attriċi, hija suffiċjenti biex, indipendentement mir-raġunijiet l-oħra, tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-żwieġ (Kap. 255). Il-konvenut

mhux jopponi t-talba, għalkemm jattribwixxi l-ħtija għal din in-nullita' fuq l-attriċi. Imma din il-Qorti, konformament mal-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati in tema ta' annullament ta' żwieġ[1], ser tgħaddi biex teżamina l-provi prodotti sabiex tara jekk dak allegat ġiex ippruvat sal-grad li trid il-liġi f'materja ċivili. Ma jistax ma jiġix enfasiżżat illi: "i*s-soċjeta' għandha tipproteġi ż-żwieġ u min javvanza xi pretensjoni dwar nullita' ta' żwieġ għandu jagħmel dan bl-aktar mod serju u bi provi konkreti, u mhux b'mod leġġer u inkonvinċenti*."[2] Hekk ukoll ġie diversi drabi ribadit illi: "*Iż-żwieġ għas-soċjeta' mhux rabta ċoff iżda rabta għoqda u biex tinħall din l-għoqda l-Qorti ma tistax toqgħod biss fil-każ li għandha quddiemha fuq dak li l-attur appellant sejjaħ il-konfessjoni ġudizzjali tiegħu, sija pure ġuramentata, iżda jeħtieġ li kwalunkwe dikjarazzjoni tiegħu tiġi kkorroborata u sostanzjata bi provi oħra li huma biżżejjed biex jipproduċu fil-ġudikant il-konvinzjoni morali meħtieġa li verament il-kunsens ta' l-attur appellant kien ivvizzjat fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta*.[3]

**Raġunijiet miġjuba għan-nullita':**

(1) L-ewwel raġuni li fuqha l-attriċi qed tibbaża t-talba tagħhha, hija dik kontemplata fl-ewwel parti ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-liġi msemmjia. Ikun hemm **difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju**, meta xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma jistax jingħad li tbati minn infermita’ mentali, tkun daħlet għal din ir-rabta konjugali mingħajr maturita’ biżżejjed għaż-żwieġ.

Ġie spjegat illi "*B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew*

[1] Ara fost oħrajn, Anna Tonna xebba Vassallo v. Alexander Tonna: Qorti ta' l-Appell 6.11.1991; Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri : Prim'Awla 4.11.1994; Carmel sive Charles Camilleri v. Teresa Camilleri : Prim'Awla : 3.10.1995 .
[2] M mart AD vs AD : 13.3.1984 kollez. vol. LXVIII pt. 3 p. 49 .
[3] Appell. Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia : 28.7.1987 kollez. Vol.. LXXI. pt. 2 p. 212

*addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta'* ***discretio judicii*** *hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għr-rabta taż-żwieġ. Kif jispjega l-ġurista* ***Colagiovann****i:*

*'il matrimonio, in quanto patto ossia '****foedus****' …richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta', dato che… si tratta di assumersi una '****servitus'*** *per tutta la vita.' (*Forum, 1990. vol. I part. 1. p. 72*)';*

*Pero', kif ġia ngħad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, d-dottrina u l-ġurisprudenza 'non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cioe' che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cioe' che puo' comportare la vita coniugale, ne un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne in fine una conoscienza perfetta della motivazione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine* ***discrezione di giudizio****, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena.'* (**Pompedda, M.F.** Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski-Pompedda-Zagglia. Il Matromonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova 1984, p. 46). *Proprju għalhekk ukoll il-leġislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju…"* [4]

Hekk ukoll l-Imhallef Rotali **Davino** innota li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, jfisser ukoll in-nuqqas ta' kapaċita' fil-partijiet kontraenti li jilħqu ammont suffiċjenti ta' riflessjoni proporzjonata għall-kuntratt konjugali, li hija fakulta' riflessiva meħtieġa għall-istat nuzjali (monito. Ecclesiastices, 108 (1983) 504, u. 2. cfr. Ch. Defebvre : "Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in

[4] N.A. vs R.A. konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-29.10.1999 (vol. LXXXIII, pt. 2, p. 559)

Periodica, 69, (1980) p. 55 – 7): "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage). A sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage. The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement. In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he should, first of all marry at any given time, and secondly, marry the person proposed as his/her spouse. He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a lifetime, which commitment would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram anne* – 22.7.69, SRRD No. 1.61, pp.864 - 865 n. 3).

(2) L-attriċi tibbaża t-talba tagħha wkoll fuq it-tieni parti tas-sub-inċiż 19(d) tal-kap. 255, u ċioe' li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat ukoll minħabba **anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.** Hawnhekk il-leġislatur jirrikonoxxi bħala inkapaċita' li jingħata l-kunsens u kawża ta' nullita' taż-żwieġ, massa kumplessa ta' anomaliji psikiċi (li fosthom l-ewlenin, għalkemm mhux l-uniċi, huma disordnijiet psikosesswali) li jaffettwaw il-personalita' tas-suġġetti, liema inkapaċita' mhux neċessarjament tneħħilhom l-użu tar-raġuni, jew tneħħilhom id-diskrezzjoni tal-ġudizzju, imma b'danakollu xorta waħda tirrendihom inkapaċi li jassumu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ b'mod verament kommess u responsabbli.

Il-mod kif tiġi nterpretata l-frażi "**anomalija psikoloġika serja"** huwa importantissimu. Li huwa mportanti biex tipprova m'huwiex daqstant is-serjeta' tal-anomalija psikoloġika daqskemm jekk din tirrendix is-soġġett inkapaċi li jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Din l-inkapaċita' trid tkun assoluta, għax fiż-żwieġ m'hemmx lok għal kunsens parzjalment validu: jew hemm kapaċita' ġuridika sħiħa jew m'hemmx. Huwa mportanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh illi dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali jridu jkunu reċiproċi, permanenti, kontinwi, esklussivi u rrevokabbli. Ikun hemm għalhekk din l-inkapaċita' jekk waħda mill-partijiet tkun, minħabba kawża psikoloġika, inkapaċi li tassumi dawn l-obbligazzjonijiet bil-karatteristiċi essenzjali msemmija.

Billi ż-żwieġ huwa sħubija għall-ħajja kollha tal-koppja miżżewġa, kull parti trid tkun kapaċi tikkomunika intimament fuq il-livell personali. Din il-kapaċita' hija differenti mill-kapaċita' li tipprokura ċertu ammont ta' kuntentizza fiż-żwieġ. Hekk ukoll, falliment *de facto* ta' żwieġ, ma jfissirx awtomatikament inkapaċita' li wieħed jiżżewweġ.

Biex tinvalida żwieġ għal din ir-raġuni, l-inabilita' trid tkun magħġuna fis-*set-up* personali ta' xi waħda mill-partijiet. Id-difett psikiku mhux neċessarjament ikun patoloġiku. Imma jrid ikun verament il-"kawża" li l-"effett" inevitabbli tagħha li jħarbat ir-relazzjoni maritali. Għalhekk irid ikun gravi (seriously disabling). L-inabilita' trid tkun tali li mhux biss tirrendi ż-żwieġ diffiċċli, imma impossibbli, u trid tkun teżisti qabel iż-żwieġ.

**L-obbligi u l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa** ġew deskritti bil-mod segwenti:

"…*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman; mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent ,continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties, should be, due to a psychological*

*cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*.[5]

(3) L-attriċi tallega illi l-kunsens tagħhom kien vizjat ukoll għax inkiseb **bl-esklużjoni pożittiva ta' wieħed mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa** da parti tal-konvenut. Din ir-raġuni li fuqha l-attriċi qed tibbaża t-talba tagħha, hija kontemplata fl-artikolu 19(1) (f) ta' l-Att dwar iż-żwieġ. Din hija simili ħafna għal dak stipulat fl-artikolu 1101(2) tad-Dritt Kanoniku. Taħt dan is-subinċiż, iż-żwieġ jista' jkun null jekk ikun hemm l-esklużjoni pożittiva :

(i) taż-żwieġ innifsu;
(ii) ta' l-elementi essenzjali tiegħhu; u
(iii) ta' l-att konjugali.

Hawn qegħdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u ċioe' meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun qed jingħata, dak li l-awturi jsejħu *consensus simulatus* jew *consenus fictus*. Ingħad illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew ta' wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, irid jara jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti l-kunsens validu għaż-żwieġ, bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, ikunx eskluda *a priori* ż-żwieġ inniffsu jew inkella ċerti obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.[6] Sabiex tissussisti nullita' a bażi ta' l-artikolu 19(1) (f) tal-Kap. 255, il-liġi tirrikjedi esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi taż-żwieġ. Huwa ażżċċettat fil-ġurisprudenza illi sabiex jiġi sodisfatt dan ir-rekwiżit, m'hemmx bżonn li tali esklużjoni tkun waħda sfaċċata, iżda l-intenzjoni ta' l-esklużjoni tista' tkun waħda perċepibbli minn azzjonijiet impliċiti. Dak li jrid jiġi ppruvat, hu li fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali, parti waħda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-ħsieb li jċaħħdu lill-parti l-oħra minn xi wieħed mid-drittijiet u dmirijiet essenzjali taż-żwieġ. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjoni f'dan is-sens, basta l-Qorti tqis li

---

[5] P.A. Angela Spiteri xebba Selvagi vs Joseph Spiteri : 4.11.1994, fejn il-Qorti adottat il-kummenti ta' P.J. Viladrich fil-ktieb tieghu : "Matrimonial Consent in the Code of Canon Law" : Montreal, 1993, p. 687 .

[6] Prim'Awla : Marita Schembri vs Emmanuel Schembri : 9.04.2003

fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ dawn ikunu attendibbli. Il-prova tista' ssir ukoll b'ċirkostanzi anteċedenti, konkomittanti u sussegwenti għal l-għoti tal-kunsens.[7]

L-attriċi tallega illi sa minn qabel iż-żwieġ il-konvenut kien qatagħha li ma jridx tfal. Infatti wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ huwa ndubbjament dak li fid-dritt Kanoniku insibuh bħala l-***bonum prolis***, u ċioe' d-dritt u dmir tal-prokreazzjoni ta' l-ulied.

Dwar dan l-element essenzjali taż-żwieġ, ingħad mill-qrati tagħna illi:

"*L-element tal-prokreazzjoni ta' l-ulied dejjem ġie meqjus mill-Qrati tagħna bħala element fundamentati fil-ħajja matrimonjali tant li fis-sentenza 'David Mangion vs Maria Sciberras'* (P.A. (NA) 10 ta' Novembru 1999) *ingħad li: ' Ma hemm ebda ombra ta' dubju li l-prokreazzjoni huwa wieħed mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.'* (vide: E vs F" (P.A. 1 ta' Lulju 1994).
*Illi konsegwentement, il-Qrati tagħna dejjem sostnew illi l-eskluzjoni ta' l-ulied jikkostitwixxi simulazzjoni parzjali tal-kunsens li jġib miegħu n-nullita' taż-żwieġ innifsu. Tant huwa essenzjali l-bonum prolis illi saħansitra meta l-eskluzjoni ta' l-ulied tkun kundizzjonata, il-Qrati tagħna rritenew illi ż-żwieġ huwa null. Hekk fil-kawża fl-ismijiet: ' Elizabeth Zammit nee Consiglio vs John Zammit'* (P.A. 14 ta' Marzu 1986), *il-Qorti rriteniet illi ż-żwieġ kien null peress illi l-konvenut daħal għaż-żwieġ bil-kundizzjoni ta' l-esklużjoni ta' l-ulied jekk l-attriċi ma tibdilx il-karattru tagħha*." [8]

Din in-nullita' tissussisti anke jekk ma jkunx hemm dikjarazzjoni espressa dwar l-esklużjoni ta' l-ulied, għax kif fissret il-Qorti fl-istess sentenza tagħha:

"… *fattur essenzjali f'dan il-każ huwa l-fatt illi l-attur jidher illi ma ddikjarax espressament l-esklużjoni ta' l-ulied qabel iż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta. B'danakollu, dan ma jistax*

[7] Prim'Awla : Daniela Shaw vs Josef Camilleri : 12.12.2002
[8] Prim'Awla : John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri : 22.10.2002

*il-konklużjoni illi effettivament huwa kien issimula l-kunsens tiegħu parzjalment, stante illi l-esklużjoni pożittiva ma kellhiex neċessarjament tirriżulta biss minn xi ħaġa espresa direttament, iżda setgħet tiġi espressa bl-imġieba ta' xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens. Infatti kif ingħad fis-sentenza 'Dr. Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech*' (P.A. 14 ta' Marzu 1995), *l-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew ta' xi wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu tista' tkun impliċita*."

**Provi dwar il-każ:**

Il-partijiet kienu ltaqgħu fil-kumpless ta' l-iskejjel sekondarji tar-Rabat, Għawdex, fejn il-konvenut kien għalliem u l-attriċi studenta fis-Sixth Form. Damu jiffrekwentaw lil xulxin għal ħames snin qabel ma żżewġu bir-rit ċivili fid-9 ta' Awissu 2001, meta Romina kellha 22 sena u Gordon 27.[9] Imma għal xi raġuni ma ma ġietx spjegata, intqal li xi żmien qabel kienu ċċelebraw iż-żwieġ tagħhom bir-rit kanoniku wkoll fi Knisja ġewwa Ruma. Minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm ulied. Matul l-għerusija tagħhom akkwistaw bejniethom proprjeta' fl-Għasri li kellha tkun id-dar residenzjali tagħhom. Il-parti l-kbira tax-xogħlijiet biex tiġi resa abitabbli din id-dar saru mill-aħwa subien ta' l-attriċi. Il-konvenut ma tantx wera interess f'dawn ix-xogħlijiet u ftit li xejn għen fihom. Huwa kien ikun impenjat il-ġimgha kollha bil-professjoni tieghu u b'*part-time job* li kien jagħmel wara l-ħinijiet ta' l-iskola. Il-partijiet kienu qablu sa minn qabel iż-żwieġ li ma jkollhomx tfal mal-ewwel. Madankollu meta xi żmien wara li kienu żżewġu, l-attriċi bdiet turi x-xewqa li jkollhom it-tfal, il-konvenut baqa' jirreżisti u jsostni li ma kienx għadu l-waqt. Il-ftit okkażjonijiet li ppruvaw iġibu t-tfal fid-dinja, kienu kontra x-xewqa tal-konvenut, u meta l-attriċi ikkonsultat *gynaecologist* ħalli tara kellhiex xi problema biex ikollha t-tfal, żewġha ma interessax ruħu jibqa' magħha għal din il-konsulta, u telaq bl-iskuża li kellu x'jagħmel. Wara li żżewġu l-konjuġi Gatt baqgħu jiffrekwentaw l-istess ħbieb li kienu joħorġu magħhom qabel, u Gordon kien jinsisti ma' martu li jekk ikollhom it-tfal ma jkunux jistgħu jibqgħu

[9] ara estratt miċ-ċertifikat taż-żwieġ a fol. 4 tal-process

jgħixu qishom kien għadhom għarajjes, kif dejjem xtaq hu. Jidher illi dan in-nuqqas ta' qbil dwar jekk għandhomx ikollhom tfal jew le spiċċa biex wassal lill-kontendenti li jinfirdu minn xulxin, u nfatti is-separazzjoni formali tagħhom saret permezz ta' kuntratt fit-8 ta' Ottubru 2004.[10]

A. **Dwar in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju:**

F'dan ir-rigward l-attriċi ssemmi bħala indikazzjonijiet tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fil-konvenut, il-fatt li għalieh iż-żwieġ kien iqisu biss bħala estensjoni ta' l-għerusija, bl-ebda impenn jew responsabilita' iżjed milli kien jagħti qabel iż-żwieġ. Issemmi n-nuqqas ta' interess tiegħu biex jikkontribwixxi b'mod fiżiku fir-riabilitazzjoni tad-dar li kienu xtraw biex jgħixu fiha meta jiżżewġu. Issemmi wkoll li kien bniedem *happy go lucky*, u qisu bla inizjattiva ta' xejn. Madankollu l-Qorti hija tal-fehma li ma tressqux provi biżżejjed li f'dan il-każ kien hemm xi nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fil-konvenut dwar id-dmirijiet u drittijiet taż-żwieġ, kif imfissra fid-dottrina u ġurisprudenza iċċitata hawn fuq, li setgħet twassal għad-dikjarazzjoni tan-nullita' ta' dan iż-żwieġ. Anzi sew l-eta' tiegħu kif ukoll il-fatt li l-konvenut kellu livell ta' edukazzjoni terzjarja, jimmilitaw kontra din it-teżi u għall-kuntrarju jindikaw li huwa żmien jaf u jifhem sewwa x'inhuma dawn id-drittijiet u dmirijiet meta ta l-kunsens tiegħu.

B. **L-anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbigazzjonijiet taż-żwieġ.**

Ma tressqu ebda tip ta' provi f'dan ir-rigward u m'hemm xejn x'jista' jindika li l-konvenut seta' kien qed ibati minn xi tip ta' anomalija bħl din fil-mument tal-kunsens tiegħu.

C. **L-esklużjoni pożittiva ta' element essenzjali taż-żwieġ.**

[10] ara Dok. B anness ma' ċ-ċitazzjoni a fol. 5 - 9 tal-process

L-istess pero' ma jistax jingħad dwar din ir-raġuni. Hawnhekk għandna indikazzjonijiet biżżejjed li l-konvenut, għalkemm esternament ma qal xejn f'dan ir-rigward, fil-mumnet tal-kunsens tiegħu għal dan iż-żwieġ, kien qed jeskludi d-dritt u d-dmir għall- prokreazzjoni ta' l-ulied. Huwa minnu illi ż-żewġ partijiet kienu qabel iż-żwieġ tkellmu diversi drabi dwar dan is-suġġett, sew bejniethom u anke ma' familjari ta' l-attriċi. Imma l-impressjoni li kien jagħti l-konvenut kienet dejjem tkun li huwa xtaq biss li ma jkollux tfal għall-ewwel ftit snin wara li jiżżewġu sakemm ikunu ssetiljaw xi ftit. Madankollu in kontro-eżami ammetta illi mhux dik kienet il-vera intenzjoni tiegħu, u hu kien iddeċida sa minn qabel iż-żwieġ li ma riedx tfal għax dawn kienu ta' responsabilita' żejda li hu ma kienx lest li jerfa'. Fi kliemu: "… ***naħseb ma Romina ma kontx ċar biżżejjed qabel … qabel ma ddeċidejna li niżżewġu... Dak iż-żmien hekk kont qed naraha, speċi mhux ha niżżewweġ biex ikolli t-tfal jien… li nkun sew***." [11] Infatti l-komportament tal-konvenut wara ż-żwieġ ikompli jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu li ma riedx jerfa' dan il-piż ta' l-ulied. Hekk naraw illi, minkejja l-isforzi kollha ta' l-attriċi biex tħajru jġibu t-tfal fid-dinja, huwa baqa' jinsisti magħha li t-tfal kienu jisfrattawlhom l-istil tal-ħajja tagħhom, u għalhekk ma kellhom xi jriduhom. Infatti kienu waħdiet l-okkażżjonijiet li Romina rnexxielha tikkonvinċcieh biex jippruvaw iġġibu t-tfal, u dan dejjem sar kontra r-rieda tiegħhu. In-nuqqas ta' interess tiegħu dwar x'kien ser ikun l-eżitu tal-konsulta għħand il-*gynaecologist* ikompli jikkonferma kemm ma kienx ser jinkwieta kieku nstab li martu ma setgħex ikollha tfal. Anke l-imġieba tiegħu lejn it-tfal ta' ħut il-mara, jindikaw illi t-tfal ma kienu xejn għal qalbu.

F'tali ċirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi fil-każ in eżami, għalkemm ma kienx hemm esklużjoni espressa ta' wieħed mill-elementi taż-żwieġ, u ċioe' dak tal-prokreazzjoni, teżisti evidenza biżżejjed biex tikkonferma illi kien hemm simulazzjoni tal-kunsens tal-konvenut, meta fil-mument taż-żwieġ tiegħu, kien internament qed jeskludi dan l-element daqstant importanti fil-ħajja miżżewġa.

---

[11] ara depożizzjoni tal-konvenut tal-15.11.2007 a fol. 60 – 64 .

Għaldaqstant, billi ġia ampjament ippruvat illi tassew kien hemm simulazzjoni da parti tal-konvenut, li ħeba mill-parti l-oħra l-fatt li kien qed jeskludi d-dritt u dmir tal-prokreazzjoni ta' l-ulied, din it-tielet raġuni miġjuba mill-attriċi għaliex iż-żwieġ tagħha mal-konvenut għandu jiġi dikjarat null, għandha tiġi milqugħa.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti li sar fid-9 ta' Awissu 2001 kien null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi sa mill-ewwel ġurnata tiegħu, a tenur ta' l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, minħabba li l-kunsens tal-konvenut għal dan iż-żwieġ kien vizzjat billi, mingħajr ma kienet taf l-attriċi, eskluda wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ, u ċioe' dak tal-prokreazzjoni ta' l-ulied.

L-ispejjeż tal-kawża, billi rriżulta illi jaħti unikament il-konvenut għal dak li ġara, għandhom jiġu ssoportati minnu.
Fl-aħħarnett tordna illi kopja uffiċjali ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta' żwieġ relattiv skond il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------